

3) Laure Camerin hija kkundannata għall-ispejjeż, inklużi dawk relatati mat-talba għal miżuri provviżorji.

<sup>(1)</sup> ĠU C 270, 12.8.2019.

### Digriet tal-Qorti Ġenerali tas-27 ta' Novembru 2020 – PL vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-728/19) <sup>(1)</sup>

*(“Rikors għal annullament – Aċċess għal dokumenti – Regolament (KE) Nru 1049/2001 – Dokumenti marbuta ma’ deċiżjoni ta’ assenjazzjoni mill-ġdid fi ħdan il-Kummissjoni fl-interess tas-servizz – Rifjut parzjali ta’ aċċess – Artikolu 76(d) tar-Regoli tal-Proċedura – Ksur tar-rekwiżiti formali – Rikors parzjalment manifestament inammissibbli u parzjalment manifestament infondat fid-dritt”)*

(2021/C 28/76)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

#### Partijiet

Rikorrent: PL (rappreżentanti: J.-N. Louis u J. Van Rossum, avukati)

Konvenut: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: L. Vernier, I. Melo Sampaio u C. Ehrbar, aġenti)

#### Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament tad-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni tat-13 ta’ Awwissu u tas-26 ta’ Settembru 2019 li jirrifjutaw parzjalment l-iżvelar tad-dokumenti mitluba mir-rikorrent.

#### Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) PL huwa kkundannat għall-ispejjeż.

<sup>(1)</sup> ĠU C 19, 20.1.2020.

### Digriet tal-Qorti Ġenerali tal-20 ta’ Ottubru 2020 – Ultrasun vs EUIPO (ultrasun)

(Kawża T-805/19) <sup>(1)</sup>

*(“Trade mark tal-Unjoni Ewropea – Applikazzjoni għat-trade mark tal-Unjoni Ewropea figurattiva ultrasun – Raġuni assoluta għal rifjut – Karattru deskrittiv – Artikolu 7(1)(c) tar-Regolament (UE) 2017/1001 – Rikors manifestament infondat fid-dritt”)*

(2021/C 28/77)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

#### Partijiet

Rikorrenti: Ultrasun AG (Zürich, l-Isvizzera) (rappreżentanti: A. von Mühlendahl u H. Hartwig, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentant: E. Markakis, aġent)

#### Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba’ Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-5 ta’ Settembru 2019 (Każ R 531/2019-4) dwar applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tas-sinjali figurattivi ultrasun bħala trade mark tal-Unjoni Ewropea.

#### Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.